KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 15 – IT-TNEJN, 2 TA' MARZU 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sna Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm quorum biex tibda s-seduta u s-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**15.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

15.1.1 Ma kienx hemm.

**15.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

15.2.2 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (14) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

15.2.3 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 15.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

15.3.1 Ma kienx hemm.

## 15.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

15.4.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li l-attività soċjali tat-3 ta' Marzu ser tkun waħda tajba għaliex l-attendenza laħqet numru rekord ta' 170 parteċipant.

15.4.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li l-attività mmirata għat-tfal tal-komunità kienet waħda aċċettabbli. Irringrazzja pubblikament lill-Kunsillieri tal-impenn tagħhom b'mod partikolari lill-Kunsillier Bernice Farrugia li ħolqot atmosfera ferriħija mat-tfal. Emfasizza dwar il-bżonn li jinżamm dan il-kuntatt mar-residenti tal-Iklin u noħolqu parteċipazzjoni attiva.

15.4.3 Is-Sindku Dr. Sciberras irrelata wkoll dwar il-progress ta' Triq il-Wied fejn spjega li l-kuntrattur appuntat minn Infrastructure Malta kien għaddej bix-xogħol tas-servizzi tal-ilma. Informa li kien qed jippjana li jitlob laqgħa biex ir-rakkomandazzjonijiet li għadda l-Kunsill matul il-ġimgħat li għaddew ikunu mplimentati f'dan il-proġett. Aktar żviluppi jingħataw fis-seduta li jmiss tal-Kunsill.

## 15.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

15.5.1 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet jekk kienx hemm żviluppi dwar l-istat tas-siġar u l-bankina li hemm biswit Pjazza Ninu Cremona.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li s-Segretarju Eżekuttiv kien issottometta applikazzjoni mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex jibdew ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-bankina eżistenti u parti mit-triq. Semma wkoll li l-Kunsill kien

ikkomunika mal-Awtorità konċernata ERA u l-Kunsill ġab il-*clearance* biex ikun jista jipproċedi bil-manutenzjoni u titjib tal-proprjetà pubblika. Ikkonkluda li l-Kunsill kien qed jistenna li joħroġ il-permess tax-xogħlijiet biex il-kuntrattur ikun jista jwettaq l-imsemmija xogħlijiet. Żied jgħid li ż-żewġ speċi jinsabu fuq proprjetà privata u qed jikkawżaw dannu lill-proprjetà pubblika. Il-Kunsill huwa responsabbli miż-żamma tal-bankini u l-asfalt tat-triq.

15.5.2 Is-Sindku Dr. Sciberras informa li kienet intalbet reviżjoni tal-istima lill-ELC Ltd billi jinbidel l-ħsieb oriġinali u minflok jinżera x-xitel u siġar adatti fil-ħwat li hemm fi Triq San Mikiel. Kompla jgħid li wara li kien iltaqa mall-persuna teknika min-naħa tal-ELC Ltd u fil-preżenza tal-Viċi Sindku Bartolo, ingħata l-parir li f'din iż-żona ikun jaqbel li jitħawwel ir-rand u x-xitel tal-klin. L-istima għal dan it-tħawwil tax-xitel tal-klin (Rosmarinus prostratus) u r-rand (laurus nobilis) se titla f'seduta oħra tal-Kunsill.

## 15.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

15.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn il-15 u t-28 ta' Frar 2020 kif jidher fid-dokumenti A u B.

15.6.2 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet dwar korrispondenza nru. 354/20. Stedina. 'Women in politics: overcoming the gender gap'.

15.6.3 Is-Sindku Dr. Sciberras staqsa dwar korrispondenza nru. 373/20. Korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. 'Young elected politicians: Call for application – 2020 YEP Programme.

15.6.4 Il-Kunsillier Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 384/20. Konferenza għal Jum Internazzjonali tal-Mara organizzata minn NCPE National Commission for the Promotion of Equality.

Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillier Bernice Farrugia ser jattendu għal din il-konferenza.

15.6.5 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet dwar korrispondenza nru. 423/20. Korrispondenza mibgħuta mill-Valletta Cultural Agency b'reazzjoni għat-talba li għamel il-Kunsill dwar Festa Fjuri 2020.

15.6.6 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 414/20. Minuti tal-laqgħa tas-sotto-kumitat tal-Anzjanità Attiva, il-Familja, u Persuni bi bżonnijiet speċjali. Il-Viċi spjegat li matul l-aħħar laqgħa tas-sotto-kumitat kienet ukoll diskussa l-attività kulturali 'Festa Fjuri' 2020 fejn jixtiequ jressqu xi proposti dwar l-edizzjoni ta' din is-sena.

**COMPLAINTS SHEET (15 - 28 February 2020)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 33 | 15/02/2020 | Hemm *belisha lights* taz-*Zebra Crossing* tan-nofs ta' Triq Geronimo Abos mhux tixgħel. | settled | Triq Geronimo Abos | **ENEMALTA** |
| 34 | 15/02/2020 | Din ir-residenta minn Triq il-Mużika qed tilmenta li meta jinxtegħel id-dawl ta' barra qed tittripja s-*salva vita*. | pending | Triq il-Muzika | **ENEMALTA** |
| 35 | 15/02/2020 | Ilment minħabba trab li ġej minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq Richard Taylor meta jinqata' l-ġebel. | pending | Triq Richard Taylor | **BRO** |
| 36 | 17/02/2020 | Hemm bżonn li jinqata' l-ħaxix fi Triq ES Inglott mal-egħlieqi għax reġa' kiber. | pending | Triq ES Inglott | **CONTRACTOR** |
| 37 | 17/02/2020 | Hemm kaptell tal-GO imkisser fi Triq Ċensu Busuttil c/w Triq Dun Karm. | settled | Triq Censu Busuttil | **GO p.l.c** |
| 38 | 17/02/2020 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu fi Triq il-Mużika quddiem nru. 33. | settled | Triq il-Muzika | **ENEMALTA** |
| 39 | 24/02/2020 | Id-dawl ta' Triq Giorgio Locano mhux jixgħel filgħaxija. | pending | Triq Giorgio Locano | **ENEMALTA** |
| 40 | 24/02/2020 | Hemm bozza fuq arblu tixgħel u titfi fi Triq Enrico Naudi c/w Triq Giorgio Locano. | pending | Triq Giorgio Locano | **ENEMALTA** |
| 41 | 25/02/2020 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu fit-*traffic island* fi Pjazza Ninu Cremona. | settled | Pjazza Ninu Cremona | **ENEMALTA** |
| 42 | 26/02/2020 | Hemm id-dawl ta' Triq il-Wied mhux jixgħel. | settled | Triq il-Wied | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 43 | 26/02/2020 | Hemm kaptell tal-GO imkisser fi Triq L.F. Mizzi. | pending | Triq L.F. Mizzi | **GO p.l.c** |
| 44 | 27/02/2020 | Rapport dwar pressa baxxa tal-ilma fi blokka t'appartamenti fi Triq AM Caruana | pending | Triq AM Caruana | **W.S.C** |
| 45 | 28/02/2020 | Talba għal traffic mirror fi Triq Ċensu Busuttil ma' Triq Mons P.P Saydon. | pending | Triq Ċensu Busuttil | **COUNCIL** |
| 46 | 28/02/2020 | Bozza mitfja mall-ħajt fi Triq L F Mizzi | pending | Triq L F Mizzi | **CONTRACTOR** |

## 15.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

15.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

15.7.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

15.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

15.7.4 Imbagħad il-Kunsill ressaq kwotazzjoni għall-awtorizazzjoni ta' xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

a. Kwotazzjoni għal biċċa għamara 'Librerija fl-Apert' magħmula mill-materjal marine, front perspex, paint weather proof, iron pole & installation mingħand il-fornitur Joseph Theuma għall-prezz ta' Eur675 VAT inkluż;

## 15 .8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

15.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

15.8.2 Applikazzjoni PA/00297/20 – 11, Triq ir-Razzett l-Aħmar & Triq il-Prinjol L-Iklin 'Alterations and additions to existing villa basement – extension of existing basement into fill and rock underlying existing footprint of ground floor; provision of verticla connections internally and externally.

Ground floor – formation of open balconies at front and rear; removal of existing internal staircase to basement in washroom and replacement by spiral staircase; provision of spiral staircase to basement in hall; external spiral staircase to terrace, formation of light well to basement in lieu of paved pathway'.

15.8.3 Applikazzjoni PA/01080/20 – 24, Triple X/Garage, Triq Ġużè Muscat Azzopardi 'Proposed sanctioning of addition, internal and external alterations of maisonette and underlying garage, and proposed addition, internal and external alterations to same maisonette'.

15.8.4 Applikazzjoni PA 01200/20 – Triq Geronimo Abos L-Iklin 'Change of use from garage to Class 4B retail. Proposed internal and external alterations'.

15.8.5 Applikazzjoni PA 01294/20 – Triq ix-Xwieki, Triq tal-Balal, L-Iklin. 'To sanction existing stables and stores. Works include changes in paddock, and the introduction of a manure clamp and cesspit'.

15.8.6 Applikazzjoni PC 00004/20 – Triq Mons. P.P. Saydon L-Iklin. 'Proposed extension to existing building / road alignment.

Il-Kunsill ser jitlob lill-Konsulent tal-Kunsill biex jagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar l-imsemmija applikazzjonijiet.

**15 .9 FESTA FJURI 2020.**

15.9.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa lill-preżenti li l-Valletta Cultural Agency ma tistax tikkollabora ma' entitajiet barra mill-belt Valletta minħabba kif ġiet imfassla l-liġi li waqqfet din l-istess Aġenzija. Żied jgħid li l-Kunsill ser ikompli jitkellem direttament mall-kuntrattur tal-Kunsill ELC Ltd biex jikkordina miegħu dwar l-edizzjoni ta' din is-sena.

Id-data tentattiva għal din l-attività kulturali ser tibqa l-ġurnata tas-Sibt, 16 ta' Mejju 2020 bejn id-0900hrs u 1400hrs.

15.9.2 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet jekk il-Kunsill ikunx jista jikkunsidra jikri *balloons bouncers* u divertiment ieħor għat-tfal biex nattiraw il-familji.

15.9.3 Il-Kunsillier Godwin Catania issuġġerixxa li jinvolvi lill-Kamra tan-Nar ta' San Mikiel biex jinħaraq salut bħala parti mill-ftuħ ta' din l-edizzjoni.

Wara diskussjoni, kien deċiż li peress li din il-materja hija waħda sensittiva, u mid-diskussjoni deher ċar li kien hemm fehmiet differenti, kien deċiż li din l-ideja tiġi skartata.

15.9.2 Is-Sindku ikkonkluda billi qal li kien importanti li nagħlqu d-diskussjonijiet mall-kuntrattur tal-Kunsill ELC Ltd biex jitfassal programm.

## 15.10 MANUTENZJONI TA' BANKINA U *MAJOR PATCH WORK* FI PJAZZA NINU CREMONA

15.10.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li l-Kunsill kien qed jistenna lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex joħroġ il-permess tax-xogħol biex jingħata bidu għax-xogħlijiet. Kompla billi qal li kien ferm importanti għall-Kunsill li dan id-difett fil-proprjetà pubblika titranġa biex ma tibqax ta' periklu għar-residenti tagħna.

15.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-amministrazzjoni kienet qed issegwi l-permess RWP1-0343/20 u *deadline* biex l-entitajiet jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar dan il-permess kien jagħlaq nhar l-4 ta' Marzu.

15.10.3 Ikkonkluda li kien ser jibqa jaġġorna lill-Kunsill b'aktar żviluppi fil-jiem li ġejjin.

## 15.11 IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FL-IKLIN

15.11.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa lill-preżenti li kif kien miftiehem fl-aħħar seduta tal-Kunsill, kellhom isiru numru ta' *site-visits* f'diversi toroq fl-Iklin biex il-Kunsill ikun jista jikkunsidra t-talbiet pendenti dwar l-immaniġġjar tat-traffiku.

Fil-każ tat-talba li saret lill-Kunsill dwar l-allokazzjoni ta' Un/Loading bay quddiem stabbiliment tan-negozju partikolari, is-Sindku nforma li meta spezzjona dan is-sit, kienu evidenti s-sinjali tal-marki sofor quddiem l-imsemmi stabbiliment fi Triq iċ-Ċitru però minħabba l-

abbużi u nuqqas ta' infurzar, is-Sindku kien qed jirrakkomanda li ssir talba lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex tikkunsidra u tawtorizza Un/loading bay bil-ħinijiet limitati għall-użu ta' dan in-negozju. Wara l-ħinijiet li jkunu stipulati anke permezz ta' sinjal tat-traffiku, il-parkeġġ ikun disponibbli *on a first come, first served basis*. *Nem con*.

15.11.2 Imbagħad is-Sindku irrefera għall-immaniġġjar tat-traffiku dwar Triq Stefano Erardi bejn Triq Ċensu Bugeja u Triq Giovanni Curmi fejn jirriżulta li din il-parti tat-triq preżentement tintuża bħala *two-way traffic* u parkeġġ fuq iż-żewġ naħat. Is-Sindku qal li dan l-ilment ma jistax jiġi njorat għaliex verament hemm periklu. Huwa kruċjali li t-toroq tagħna jkunu siguri biex ikunu evitati l-inċidenti.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li Triq Stefano Erardi bejn Triq Ċensu Bugeja u Triq Giovanni Curmi issir *one-way* 'l isfel peress li din il-parti hija wisq ristretta u parkeġġ fuq iż-żewġ naħat. *Nem con*.

Il-Kunsill ser jikteb formalment lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex tikkunsidra u tawtorizza Triq Stefano Erardi bejn Triq Ċensu Bugeja u Triq Giovanni Curmi *one-way* 'l isfel.

15.11.3 Is-Sindku Dr. Siberras tkellem ukoll dwar is-sitwazzjoni preżenti li teżisti fi Triq Erin Serracino Inglott partikolarment bejn Triq Ġużè Pesci u Triq Anton Manoel Caruana. Preżentement, it-triq hija disinjata *two-way* traffic u parkeġġ fuq iż-żewġ naħat.

Kompla billi qal li l-Kunsill qed jirċievi diversi lmenti li minn Triq Erin Serracino Inglott qed jitiligħu b'mod abbużiv makkinarju goff u mhux l-ewwel darba li ġew irrapurtati serje ta' inċidenti b'siedien ta' vetturi jitilgħu b'veloċità eċċessiva li jispiċċaw jidħlu fi *drive-ins* ta' residenzi privati u ħsarat fil-vetturi tar-residenti.

Spjega li hemm bżonn isir titjib konsiderevoli fl-immaniġġjar tat-traffiku fl-imsemmija triq u kien qed iressaq numru ta' proposti fosthom li tiġi mplimentati *belisha lights* mal-*pedestrian crossing* eżistenti biex tkun assigurata is-saħħa u s-sigurtà fit-toroq tal-Iklin.

6.50 p.m. F'dan il-ħin, il-Kunsillier Godwin Catania talab lis-seduta biex ikun skużat mill-kumplament tal-laqgħa.

Rigward tibdil ieħor fl-immaniġġjar tat-traffiku fil-parti ta' bejn Triq Ġużè Pesci u Triq Anton Manoel Caruana, is-Sindku Dr. Sciberras ħareġ bi proposta biex issir *give-way* billi tingħata prijorità lis-sewwieqa li jkunu telgħin minn B'Kara By-Pass.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li ssir rakkomandazzjoni lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta billi jikkunsidra u jawtorizza *give-way sign* fi Triq Anton Manoel Caruana k/m Triq Erin Serracino Inglott biex il-vetturi li jkunu telgħin minn B'Kara By-Pass jingħataw prijorità fuq il-vetturi li joħorġu minn Triq Anton Manoel Caruana. *Nem con*.

15.11.4 Imbagħad is-Sindku Dr. Sciberras fetaħ diskussjoni dwar l-immaniġġjar tat-traffiku ta' Triq il-Ħwawar bejn Triq il-Wied u Triq iż-Żebbuġa.

Is-Sindku għamel riferenza għall-kummenti li kien ħa l-Kunsill madwar sena ilu mir-residenti ta' Triq il-Ħwawar fejn il-Kunsill kien stieden lir-residenti taż-żona biex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien evalwa l-kummenti tar-residenti partikolarment ta' dawk li jirrisiedu fi Triq il-Ħwawar.

Il-kummenti kienu ferm interessanti u jvarjaw fejn kellek residenti li jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' *speed humps/thumps*, filwaqt li oħrajn joġġezzjonaw li jiġu mplimentati *speed humps/thumps* għaliex huwa insult għal min jirrispetta s-sinjali tat-traffiku, ħaddieħor ikkummenta li huwa kontra dawn l-ostakoli għaliex idejqu lil minn għandu problemi ta' saħħa fiżika, u mhux sew li min josserva r-regolamenti tat-traffiku jispiċċa jsofri minħabba n-negliġenza tal-ftit; ħaddieħor ikkummenta li huwa kontra li jsiru *speed humps/thumps* quddiem *drive-ins* ta' residenzi privati. Kumment ieħor kien li t-triq tiġi ri-disinjata u tiġi ntrodotta *chicane* bl-iskop li l-vetturi jsuqu b'kawtela.

Id-diskussjoni kompliet tiżvloġi bil-proposta li Triq il-Ħwawar tiġi ddisinjata *one-way* traffic anke mill-kummenti li ppreżentaw ir-residenti.

Il-Kunsill huwa kommess li jieħu dawk il-miżuri neċessarji (traffic calming measures) biex ikunu evitati l-inċidenti.

Fil-parti d-dejqa ta' Triq il-Ħwawar, jeżisti periklu serju għaliex mhux l-ewwel darba li makkinarju goff ħalla l-marki tiegħu mall-ħitan tas-sejjiegħ b'detriment kontinwu għal residenzi fuq kull naħa tal-isqaq.

Is-Sindku spjega li wara li kienet saret spezzjoni fl-imsemmi sqaq fil-preżenza tal-kuntrattur biex il-Kunsill jikkunsidra l-implimentazzjoni ta' *crash barrier* bħala protezzjoni, jirriżulta li din il-miżura ma tistax tiġi applikata minħabba restrizzjonijiet fl-isqaq.

Id-diskussjoni kienet wiesgħa u saru diversi interventi mill-Kunsillieri preżenti.

15.11.5 Fil-konklużjoni ta' din id-diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li Triq il-Ħwawar għandha tiġi disinjata one-way biex ikunu evitati l-inċidenti. Il-punt kruċjali jibqa l-infurzar. Inutli li jkun hemm is-sinjali tat-traffiku u miżuri oħra neċessarji jekk ma jkollokx infurzar b'saħħtu u b'mod konsistenti.

15.11.6 Kine hemm qbil unanimu li l-Kunsill jikteb formalment lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta bir-rakkomandazzjonijiet tiegħu biex l-Awtorità tikkunsidra u tapprova titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku li jinkludi miżuri ta' *traffic calming* għall-interess taċ-ċittadini tal-lokal.

## 15.12 ĦATRA TAL-KUMITAT TAL-EVALWAZZJONI DWAR L-AKKWIST PUBBLIKU ILC/T/2/19 U ILC/T/1/20

15.12.1 Is-Sindku Dr. Sciberras informa li skont l-*istandard operations procedures*, il-Kunsill kull darba li jkun ser jaġġudika akkwist pubbliku, ir-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku jitolbu li għandu jinħatar Kumitat biex jevalwa l-akkwist u jkun kompost minn Chairman, Segretarju u tliet membri bi dritt tal-vot.

Is-Sindku Dr. Sciberras qal li ż-żmien (time-limit for receipt of tenders) kien għalaq fl-14 ta' Jannar 2020 għal Tender ILC/T/2/2019 filwaqt li Tender ILC/T/1/2020 kien għalaq fl-14 ta' Frar 2020.

15.12.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex jinnomina tliet membri biex ikunu fuq il-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Is-sinjuri nominati kienu Yvonne Bartolo, Bernice Farrugia u Kenneth Brincat.

15.12.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 15.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

15.13.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu 2020 fil-5.30 pm.

15.13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu 2020 fil-5.30 pm.

15.13.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |